Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,590, 16 ta' Marzu, 2021

Taqsima B

A.L. 108 tal-2021

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2021 dwar l-Estensjoni tal-Validità ta' Permessi tax-Xufier u t-*Tag* ta' Xufier

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-Estensjoni tal-Validità ta' Permessi tax-Xufier u t-*Tag* ta' Xufier.

Tifsir.
L.S. 499. 56.
L.S. 499. 59.
L.S. 499. 68.

2. Il-kliem u l-espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi* u r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi.

Estensjoni tal-validità ta' permess tax-xufier u t-*tag* ta' xufier.

3. Kwalunkwe permess tax-xufier u *tag* ta' xufier li skadew mill-1 ta' Diċembru 2020 jew wara, minkejja d-data ta' skadenza li tidher fuq tali *tag*, għandhom jibqgħu validi u awtomatikament jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2021:

Iżda l-estensjonijiet awtomatiċi mogħtija permezz ta' dawn ir-regolamenti ma għandhom bl-ebda mod jeżentaw lill-benefiċjarju ta' kwalunkwe estensjoni mill-pagament ta' kwalunkwe miżata għall-ħruġ ta' *tag*, u, jew kwalunkwe ħlas ieħor li għandu jitħallas lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u, jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi:

L.S. 499. 56.
L.S. 499. 59.
L.S. 499. 68.

Iżda wkoll it-termini, il-kondizzjonijiet u, l-obbligi kollha stabbiliti fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi* u r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi fuq id-detenturi ta' tali permessi tax-xufiera u t-*tags* ta' xufiera għandhom jibqgħu japplikaw *mutatis mutandis*.